# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 14/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Benjamin Gatt**

Illum l-ewwel (1) ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni[1] miġjuba kontra l-appellant **Benjamin Gatt**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 573980(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-21 ta' Jannar 2014 għall-ħabta ta' 08:20am ta' filgħodu fi Triq it-Torri Msida:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vito Scuderi skont kif iċċertifikat minn Dr. Fabian Bonello Reg. 5405.

[1] *A fol.* 1 u 145.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 214, 215 indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tad-19 ta' Ottubru 2015 kif ukoll Artikoli 216(1)(d), 227(d), 230(d) u 233 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu b'dan illi r-reat ġie meqjus bħala skużabbli *ai termini* ta' Artikolu 230(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor sa żmien sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-3 ta' Frar 2020 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet li aġixxa in leġittima difiża u fejn sabet li l-offiżi subiti minn Vito Scuderi kienu jaqgħu taħt l-Artikolu 216 (1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddeċidiet li r-reazzjoni tiegħu kienet pero' sproporzjonata għall-aggressjoni minnu subita u wkoll f'dik il-parti fejn ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor sa żmien sentejn mid-data tas-sentenza u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, lill-Prosekuzzjoni u lill-konsulent legali tal-appellant jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Marzu 2023 (*a fol.* 539) fejn intlaqgħet talba tal-*parte civile* sabiex jagħmel sottomissjonijiet bil-fomm.

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 fejn, fost l-oħrajn, din il-Qorti kif preseduta semgħet sottomissjonijiet bil-fomm da parti tal-konsulent legali tal-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell imressaq mill-appellant Benjamin Gatt in segwitu ta' sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Jannar 2020.

Illi qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-Rikors tal-appell tal-appellant, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Miċ-ċertifikat (*a fol.* 4) maħruġ minn Dr. Fabian Bonello jirriżulta li Scuderi, fost offiżi oħra, sofra *"multiple displaced fractured ribs on the right side'"* u l-istess Dr. Bonello ċċertifika l-offiżi bħala gravi minħabba li kien hemm ammont ta' ksur. It-tabib ikkonferma dan meta xehed u għamel emfażi fuq l-offiżi ta' ksur fil-kustilji. Kien hemm ukoll barxa fuq ix-xoffa n-naħa tax-xellug, tbenġila fuq l-imnieħer kif ukoll nefħa fuq is-sider.

- Fl-istqarrija tiegħu (*a fol.* 5 *et seq.*) l-appellant iddeskriva fid-dettal x'kien ġara f'dak il-jum fosthom li Scuderi kien qabdu mill-għonq tal-qmis u mix-xalla u beda jiġbdu lura u jimbuttah 'il quddiem. Scuderi kien baqa' ggranfat miegħu u pprova jneħħih u f'daqqa waħda waqgħu t-tnejn mal-art u l-appellant beda jgħid lil Scuderi biex ma jżommux minn għonqu. L-appellant fl-istqarrija kompla qal li Scuderi kien

spiċċa dahru mal-art u hu (l-appellant) fuqu. Jiċħad li ta daqqiet ta' ponn jew li b'xi mod refa' jdejh fuq Scuderi.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Ransley** (*a fol.* 13 *et seq.*) xehed li Scuderi kien qal li l-appellant kien imbuttah kontra vettura u meta qam sab lill-appellant fuqu. Fil-kontro-eżami l-iSpettur qal li huwa kien ra s-CCTV u li l-filmat kien ikkonferma dak li qal l-appellant (*a fol.* 16 u 17). Dan kollu jirriżulta wkoll mill-okkorrenza ppreżentata minn **PC 7 Maurizio Agius** (Dok. "MA 1" – *a fol.* 23 *et seq.*).

- Ta' rilevanza wkoll għad-dinamika tal-inċident hija l-ewwel konklużjoni (*a fol.* 83) magħmula mill-Espert Kurt Mahoney fir-rapport redatt minnu li ġie mmarkat bħala Dok. "KM 1" (*a fol.* 55 *et seq.*). Mid-depożizzjoni mogħtija minn **PS 491 Matthew Galea** (*a fol.* 106 *et seq.*) jirriżultaw l-istess dettalji.

- Il-*parte civile* **Vito Scuderi** (*a fol.* 92 *et seq.*) xehed li kien ilmenta li l-appellant kien naqas li jmur fil-ħanut tiegħu. Jgħid li kien ġibdu mix-xalla u l-appellant dar lejh u mbuttah b'mod vjolenti fuq vettura u x-xhud jaqa' fl-art. Meta ġie f'sensih sab lill-appellant fuq. Jgħid li dan jidher mid-DVD u li wara mar l-iSptar fejn baqa' għal madwar ġimgħa. Jgħid li minn dakinhar sa ma xehed kien ibati biex jorqod bil-lejl. Fil-kontro-eżami (*a fol.* 415 *et seq.*) Scuderi qal li kien jordnalhom ħaġa u jġibulu oħra iżda xorta baqa' jixtri minn għand Vivian Corporation. Jgħid li dakinhar tal-akkadut għalhekk kien għajjat lill-appellant iżda nnega li kien tkellem ħażin. Jgħid li kien l-appellant li refa' jdejh fuqu u hu missu mix-xalla. Jgħid li jekk kien għolla l-vuċi dan għamlu għaliex l-appellant kien kellmu ħażin. Jgħid li l-appellant kien kisirlu erba' kustilji u hu kien qed jitlob li l-appellant jitolbu skuża. Fir-ri-eżami qal li kienu nkisrulu erba' kustilji u li kellu l-pulmun ipperforat.

- Il-***Consultant Cardiac Surgeon*** **Mr. Walter Busuttil** (*a fol.* 131 *et seq.*) qal li Scuderi kellu *injury* fil-pulmun u kien qed jibblidja madwar il-pulmun. Jgħid li barra dan kellu diversi ksur f'ħames kustilji barra *injury* fuq l-ispalla tal-lemin. Jgħid

li Scuderi kien għadu qed jieħu kura għal ċerti problemi mediċi iżda l-kustilji u l-pulmun kienu fiequ. Jisħaq li l-*orthopaedic surgeons* kienu qed jieħdu ħsieb spalltu. Jgħid li fil-każ ta' Scuderi, id-demm ħareġ minn fejn il-pulmun u waqaf. Jisħaq li l-ksur tal-għadam jibqa' juġa' għal dejjem iżda l-pulmun fieq. Il-pulmun tela' kollu u li demm madwar il-pulmun ma kienx hemm u ma kienx hemm anqas problemi respiratorji. Jgħid li l-*parte civile* seta' jibqa' għaddej bil-ħajja normali tiegħu u ma kienx hemm bżonn intervent kirurġiku.

- Meta l-konsulent legali tal-*parte civile* għamel domandi lill-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Jonathan Ransley** (*a fol.* 150 *et seq.* u *a fol.* 166 *et seq.*), l-iSpettur Ransley qal li s-CCTV *footage* kien ippreżentat mill-appellant stess u li hu kien ibbaża ċ-*charges* inizjali tiegħu fuq il-filmat (għal kull buon fini jiġi rilevat li dawn iċ-*charges* kienu nbidlu kif jirriżulta mill-atti proċesswali). Jgħid li huwa ra tnejn minn nies jaqgħu fuq xulxin. Jgħid li l-appellant kien qiegħed fuq il-*parte civile* Scuderi u li lill-appellant kellhom jaqilgħuh. L-iSpettur Ransley baqa' jinsisti li huwa kien mexa fuq is-CCTV u li fuq il-mera huwa ma kellu ebda rapport.

- Mart Vito Scuderi, **Marisa Marmara** (*a fol.* 174 *et seq.*) xehdet li qalet li kienet ħadet ir-raġel tagħha l-isptar. Tgħid li żewġha baqa' muġugħ *on a daily basis*. Tgħid li t-tobba kienu qalulhom li kien hemm għadma li ma tistax tfieq u li żewġha għandu spalla minnhom barra minn postha.

- **PS 491 Matthew Galea** (*a fol.* 186 *et seq.*) xehed li kien l-appellant li kien għamel ir-rapport fuq l-inċident. Huwa kien mar diversi drabi fuq il-post biex ifittex xi xhieda. Ma kien jaf b'ebda rapport dwar ħsara fuq il-vetturi. Jgħid li wara kien arresta lill-appellant li għamel stqarrija fl-Għassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema.

- **Charles Formosa** (*a fol.* 201 *et seq.* u *a fol.* 216 *et seq.*) qal li kien sema' ħafna storbju bit-taljan li hu ma jifhimx. Huwa ra lill-appellant qed iżomm b'irkobbtejh lil Scuderi li kien mal-art

sabiex dan tal-aħħar ma jqumx. Jgħid li l-appellant qam u ra lil Scuderi sejjer iħebb għalih (għall-appellant) fejn talbu (lil Formosa) biex iżomm lil Scuderi lura għaliex kien ser jerġa' jħebb għalih. Jgħid li Scuderi kien qam mill-faċċata u qasam it-triq għalfejn kienu sejrin u kien ser jerġa' jħebb għall-appellant. Jgħid li huwa kien leħaq lill-appellant għarkobbtejh. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li rkobbtejn l-appellant kienu maġenb Scuderi u mhux fuqu. Jgħid li Scuderi kien qed jipprova jħebb għall-appellant u li kif Scuderi rah (lil Formosa) huwa qabad u telaq 'l hemm. Jgħid li persuna minnhom kienet l-appellant (bil-ġakketta sewda) u *"dak tal-aħmar li qabdu mill-ġakketta t-Taljan"* (*a fol.* 218). Jgħid li t-Taljan kien mar jiġbdu mix-xalla. Mistoqsi jgħid jekk l-appellant kienx telaq il-bagalja mal-art, wieġeb li sa fejn jaf hu ma kienx telaqha. Jgħid li ħareġ barra għaliex kien sema' kliem ħażin bit-taljan. Jgħid li Scuderi kien mal-art u li l-appellant beda jistrieħ miegħu biex Scuderi ma jħebbx għalih. Jgħid li hu u l-appellant kienu mexjin lejn il-bieb biex jidħlu għax-xogħol meta ra lil Scuderi jerġa' jiġri wara l-appellant. Jgħid li kien dar u li Scuderi kien ikkalma l-pass u hu (Formosa) qallu (lil Scuderi) biex jitlaq 'l hemm.

- L-ispeċjalista **Mr. Kevin Schembri** (konsulent tal-cardio kirurġija u *thoracic surgery – a fol.* 232 *et seq.*) qal li kien sar *chest x-ray* tal-*parte civile* li wera li kien hemm *"fractures on the right side of the chest from the third to the seventh"* (*a fol.* 233) iżda l-pulmun ma kienx mifqugħ. Jgħid li ma kienx hemm bżonn ta' intervent kirurġiku.

- **Lawrence Bugeja** (*Customer Care* fl-iSptar Mater Dei – *a fol.* 245 *et seq.*) ippreżenta l-file mediku ta' Vito Scuderi.

- Fl-affidavit ta' l-*orthopaedic surgeon* **Mr. John Casaletto** (*a fol.* 364) ssir riferenza għall-operazzjoni fuq Vito Scuderi. Mr. Casaletto xehed (*a fol.* 375 *et seq.*) li l-*parte civile* Scuderi kellu *"tear ta' tendon ġewwa l-ispalla"* (*a fol.* 376) (*supraspinatus)* u jgħid li operah fis-sena 2017. Jgħid li Scuderi kellu *dislocation* tal-*isternoclavicular joint* u *tear ta' tendon*. Dawn kienu ż-żewġ

patoloġiji għax mhux bilfors *injuries*. Jgħid li dawn ma kienux *urgent injuries*.

- L-appellant **Benjamin Gatt** (*a fol.* 397 *et seq.*) xehed li hu kellu jintervjeni minħabba xi disgwid li kien hemm bejn xi rappreżentanti u Scuderi. Jgħid li Scuderi kien daqqlu l-*horn* hekk kif hu (Gatt) kien dieħel għax-xogħol u Scuderi beda jilletiga għax ma kinux qed iżuruh ta' spiss. Jixhed li pprova jgħid lil Scuderi li kien ser imur ifittex rappreżentant ħalli jara x'kien ġara. Jisħaq li Scuderi ma riedx jisma' minnu u baqa' jgħajjat u beda jaqbdu mix-xalla u mill-*blazer*. Jgħid qal li hu kien waqa' fil-futbol u ġie fuq spallejh u allura kellu ferita. Imbagħad ra daqqa ta' ponn ġejja lejh u ried jimbotta lil Scuderi. Jgħid li mal-ġibda mill-*blazer* waqa' u ġie fuq Scuderi. Jgħid li kien imbeżża' minħabba s-sigurta' tiegħu waqt li Scuderi qabdu mill-*blazer*. Jixhed li Scuderi ġibdu 'l isfel u hu (l-appellant) waqa' fuqu. Jgħid li jdejn Scuderi kienu għadhom iggranfati miegħu u li rkubbtejh kienu mal-art fit-triq għax hu ma riedx iweġġa' lil Scuderi u żammu hemmhekk biex ma jerġax iħebb għalih. Jgħid li tefa' idejh fuq Scuderi imma ma kienx qed juża pressjoni u li meta ħareġ impjegat tagħhom huwa talbu biex iżomm lil Scuderi sabiex dan ma jattakahx. Jgħid li hekk kif hu (l-appellant) kien fuq il-bankina tal-uffiċċju reġa' sab lil Scuderi ma' wiċċu u li dan kien ġie rrankat u rrabjat. Jgħid li mar l-Għassa tal-Pulizija jagħmel rapport u kien qal lill-uffiċjal sabiex lil dan il-bniedem ma jerġax jarah. Fil-<u>kontro-eżami</u> nnega li kien tefa' lil Scuderi ma' vettura. Żied jgħid li l-vjolenza kienet ta' min ġibdu minn għonqu u mill-*blazer*. Huwa qal li r-riżultat huwa tal-piż tiegħu. In <u>ri-eżami</u> qal li meta Scuderi mexa ma weriex li kien imweġġa'. Jgħid li meta daħal l-uffiċju, huwa ma kellu l-ebda idea li Scuderi kien weġġa'. Jisħaq li kien hu stess li ta l-*footage* lill-Pulizija.

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Benjamin Gatt fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant Gatt huwa li huwa aġixxa in leġittima difeża u li ma kien hemm ebda eċċess jew sproporzjon fir-reazzjoni tiegħu għall-aggressjoni li huwa kien sofra. Jisħaq li l-*parte civile* Scuderi qabdu mix-xalla u anke mill-*blazer* u allura hu (l-appellant) kellu jimbuttah bis-saħħa biex jiskansa l-aggressjoni. Jgħid li hu (l-appellant) la ta xi daqqa ta' ponn u lanqas xi daqqa ta' sieq. Jgħid li hu saħanistra talab lil Charles Formosa sabiex iżomm lil Scuderi biex Scuderi ma jerġax iħebb għalih (għall-appellant). Jargumenta li Scuderi weġġa' għaliex waqa' taħtu (taħt l-appellant) li kien jiżen madwar mitt (100) kilo. Jisħaq li Scuderi sofra ksur fil-kustilji u fi spalltu u li dan huwa kollu korroborat mill-filmat. L-appellant irrefera għal ġurisprudenza dwar il-proporzjonalita' li għandu jkun hemm fir-reazzjoni u jgħid li s-sentenzi li jagħmel riferenza għalihom jisħqu li jkun hemm eċċess ta' leġittima difeża jekk m'hemmx proporzjonalita' bejn l-aggressjoni u l-metodu ta' difiża użat. Jisħaq li l-Qorti kellha tanalizza biss ir-reazzjoni tal-appellant ġialadarba l-Ewwel Qorti kienet ikkonkludiet li l-aggressjoni ta' Scuderi kienet gravi, inġusta u inevitabbli. Jgħid li ma jistax ikun hemm dubju li l-imbuttatura mogħtija minnu (mill-appellant), b'saħħitha kemm kienet b'saħħitha, ma tista' qatt titqies bħala sproporzjonata għall-aggressjoni gravi, inġusta u inevitabbli li biha hu ġie maqbud mix-xalla li kienet ma' għonqu u anke mill-*blazer* li kien libes. Jgħid li ma kien hemm l-ebda eċċess fir-reazjoni tiegħu u kellu jiġi dikjarat li huwa aġixxa in leġittima difeża mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmija f'Artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta reżi applikabbli b'Artikolu 230(d) tal-istess Kapitolu.

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li jekk din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju u tiddeċiedi li r-reazzjoni tiegħu ma kinitx proporzjonata għall-aggressjoni, in-nuqqas ta' kalibrar tiegħu fis-saħħa ta' l-imbutattura kienet ċertament dovuta għal ħasda, biża' jew twerwir kif imsemmi fil-*proviso* ta' Artikolu 227(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli b'Artikolu 230(d) tal-istess Kapitolu. Jgħid li l-aggredit ma jistax jikkalkula bl-eżatt l-effetti tal-azzjoni tiegħu speċjalment meta l-

aggredit ikun inħasad kif ġara f'dan il-każ. Jisħaq li ma jistax ikun hemm dubju li r-reazzjoni tiegħu, indipendentement minn jekk kinitx eċċessiva jew sproporzjonata, kienet dovuta wkoll għall-ħasda konsegwenza tal-fatt li skambju verbali nbidel f'aggressjoni fiżika.

**Ikkunsidrat**

Illi minn dak imsemmi aktar 'il fuq ma hemmx dubju li l-*parte civile* Scuderi sofra offiżi gravi kif qalet l-Ewwel Qorti li qieset dawn il-ġrieħi sofferti *"bħala jaqgħu taħt l-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9 stante li mill-x-ray meħuda f'Ġunju 2014 il-ksur kien għadu evidenti kif ukoll il-kundizzjoni sofferta fl-ispalla damet tliet snin sakemm Vito Scuderi ġie operat fl-2017"* (*a fol.* 478 u 479).

Illi l-qofol tal-appell huwa li l-appellant ma kienx *"mar oltre dak li kien strettament meħtieġ fiċ-ċirkostanzi"* (*a fol.* 478) u li l-Ewwel Qorti għalhekk applikat id-dispożizzjonijiet ta' Artikoli 227(d), 230(d) u 233 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellant.

Illi l-Qrati tagħna eżaminaw l-element ta' proporzjonalita' f'diversi każijiet. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Karmenu Cutajar** (Numru 228/2002) mogħtija fl-4 ta' Frar 2003 fejn din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "Din il-Qorti, wara li ħasbet fit-tul, għalkemm hi propensa li tikkonċedi li Karmenu Cutajar kien qed jirraviża xi ħsara għall-persuna tiegħu ġejja mill-fatt li Barun għolla jew refa' jdejh – il-Qorti tifhem, bħallikieku kien ser jagħti xi daqqa lil Cutajar – ma tarax li r-reazzjoni ta' Cutajar biex jiddefendi ruħu kienet proporzjonata. Dan qed jingħad mhux biss għax għall-użu tal-id jew l-idejn intuża invell bħala arma irregolari[2] u dan meta ma hemm xejn x'jindika li Karmenu Cutajar ma setax jiddefendi ruħu billi wkoll juża jdejh (per

[2] Artikolu 64(2), Kap. 9.

> eżempju, ma hemm ebda allegazzjoni li minħabba differenza fl-istatura jew fl-eta' jew fis-saħħa l-użu ta' l-idejn kien ikun inutili għal Cutajar), iżda għax miċ-ċertifikat mediku [...] jirriżulta li Barun kellu diversi kontrużjonijiet fuq idu x-xellugija. Dan ifisser li kien hemm mhux daqqa waħda, iżda diversi daqqiet li, fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti qed tara li ma kienux strettament meħtieġa biex Karmenu Cutajar jiddefendi ruħu mill-aggressjoni ta' Barun. Għalhekk f'dan il-każ kien hemm biss l-iskużanti kontemplata fil-paragrafu (d) ta' l-Artikolu 227, kif applikabbli għall-offiżi volontarji fuq il-persuna bl-Artikolu 230(d) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ma tarax li f'dan il-każ kien hemm l-estremi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-*proviso* tal-paragrafu (d) ta' l-imsemmi Artikolu 227."

Illi riferenza sejra ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fortunato Sultana** fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-eċċess ta' leġittima difeża hu dovut għan-nuqqas ta' proporzjonalita' jippostula neċessarjament l-estremi tal-leġittima difeża b'dan pero' li wieħed ikun mar oltre dak li kien strettament meħtieġ."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Francis Grima** (Numru 46/2002) mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2002, din il-Qorti diversament preseduta qablet mal-Ewwel Qorti li kienet ikkonkludiet li ma kienx hemm porporzjon bejn l-attakk u r-reżistenza li għamel l-appellant. Fis-sentenza msemmija ngħad hekk:

> "Meta l-appellant kellu viċin tiegħu ferm żewġ membri tal-Pulizija, seta' faċilment warrab u inħeba warajhom għall-protezzjoni u jipprova jevita l-inċident, anki jekk dan inbeda meta resaq lejn Fenech u għalhekk l-iskontru bejn Fenech u l-appellant seta' anki ġie evitat. Umbagħad, anke dan ma kienx possibbli, żgur li l-appellant ma kellux għalfejn jigdem xofftejn Fenech biex

jirrispinġi xi 'via di fatto' jew tentattiv ta' aggressjoni li kienet ġejja minn Fenech, meta kellu l-għajnuna u l-wens tal-Pulizija kienet tant viċin."

Illi fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (Second Year – Criminal Law), il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk fuq in-nuqqas ta' proporzjon:

*"But on the proposal of Dr. (now Sir) Arturo Mercieca, it was expressly laid down that such excess of defence shall not be punishable if it was occasioned by the person concerned being taken by surprise or through fright or fear. It was obvious that when in a given case there was such a degree of surprise or fright or fear that the person assaulted would not calculate the limits within which his action would be legitimate, the excess, if any, should not be deemed unreasonable and the person should be acquitted of all blame."*

Imbagħad il-Professur Sir Anthony Mamo jikkwota dak li jgħid il **Maino** fuq l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Taljan fejn jgħid jekk:

*""Article 50 requires that the limits imposed by law, by the authority or by necessity, shall have been exceeded. But not every time there is a disproportion between the act committed and that which has given occasion to it, the justification disappears to make way for the mere excuse of excess. Everything depends on the state of mind of the agent. If this was such, in spite of the peril, as to permit to him the free movement of his body and the free exercise of his mental powers, then it will be a case of mere excuse or extenuation: otherwise, the material disproportion of the act does not exclude the justification. And let it be repeated: those who have to judge must not let themselves be guided by the calm wisdom after the event, based on a too minute assessment of the record of the evidence – but should judge according to the psychological condition of the agent at the time of the fact and according to what the impression caused on him by the imminent danger permitted to him to discern and to do. Otherwise, by requiring an exact and mathematical proportion*

*between the causative fact of the psychological condition and the material consequence of the defensive reaction, a crime is artificially created where a criminal does not exist, and a punishment is applied where there is no reason, either juridical or moral, which shows it to be necessary.""*

Illi fuq l-istess linja jimxi l-**Antolisei** meta jikteb hekk:

*"In proposito deve anche tenersi presente che noi non siamo in grado di calcolare in modo esatto gli effetti delle nostre azioni a che l'aggredito, come scrisse Farinaccio, non habet stateram in manu. Anche in ordine a questo requisito della reazione, in conseguenza, la risoluzione dei dubbi che possono sorgere nella varieta' dei casi e' rimessa al prudente apprezzamento del magistrato."*

Illi riferenza għandha ssir ukoll għas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Zachary Vella** (Numru 46/2017) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi skont il-mibki Professur Sir Anthony Mamo sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (*unjust*), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha. Għal dak li jirrigwarda l-gravita', Mamo jikkjarifika li din tissusisti meta:

*"the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable' and consequently grave, the evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual."*

Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid

tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.

Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi *'the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided'* u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (*sudden*), attwali u assolut. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi *"if it* (il-periklu) *had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence"*, filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha *"it could not be averted by other means"*.

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Dominic Briffa** il-Qorti stqarret ukoll illi:

> **"l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja. Jekk pero' mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu**

> **jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'."**[3]

> Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissussistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv."

Illi din il-Qorti eżaminat dak li jirriżulta mill-atti proċesswali diversi drabi. M'hemmx dubju li l-aggressur kien il-*parte civile* Scuderi u lanqas hemm dubju wkoll li l-*parte civile* ġibed lill-appellant kemm mix-xalla kif ukoll mill-ġlekk u dan għal aktar minn darba. L-appellant qal li hu kien mbeżża' b'mod partikolari bil-ġbid tax-xalla li kienet imdawra ma' għonqu. Huwa ta spjega mnejn kien ġej dan il-biża' għaliex qal li hu kien weġġa' spalltu fil-futbol. Huwa tassew li l-ġrieħi li sofra Scuderi kienu gravi imma l-Qorti trid tifhem kif ra l-affarijiet l-appellant dak il-ħin. Imbottatura hija l-aktar ħaġa naturali li wieħed juża f'ċirkostanzi bħal dawn biex ibiegħed minnu lil min ikun aggredih. Dan il-każ huwa fil-fatt differenti minn dawk li rriferiet għalihom din il-Qorti aktar 'il fuq fejn f'każ minnhom intużat arma u fl-ieħor kien hemm gidma. F'dan il-każ kien hemm imbuttatura da parti tal-appellant iżda ma kien hemm ebda arma u ma saret ebda gidma. Barra dan, fl-aħħar waqgħu fuq xulxin bl-appellant jispiċċa fuq. Dak iż-żmien l-appellant kien jiżen madwar mitt (100) kilo waqt li l-aggressur kien jiżen madwar sittin (60) kilo. Imma l-appellant kien qed jinġibed mill-*parte civile* u tant baqa' jibża' li kellu jitlob għall-għajnuna biex xi ħadd imur ħdejn il-*parte civile* biex dan ma jkunx jista' jissokta b'dak li beda.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti jidhirlha li għandha tapplika d-duttrina tal-Maino u tal-Antolisei. Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. B'hekk isegwi li din il-Qorti ma għandha għalfejn tagħmel l-ebda konsiderazzjoni dwar it-tieni aggravju ġialadarba ġie milqugħ l-ewwel wieħed.

---

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) ippreseduta mill-Imħallfin Vincent Degaetano, Joseph A. Filletti u David Scicluna u deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Benjamin Gatt, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena kif ukoll mill-ħelsien b'kundizzjoni mpost bis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**